*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0299/2023**

25.10.2023

***

# RAKKOMANDAZZJONI

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja, ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027)
(09525/2023 – C9-0223/2023 – 2023/0117(NLE))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Clara Aguilera



*Magħquda fid-diversità*

PR_NLE-AP_Agreement

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

**Paġna**


ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........6

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP ..........10

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS ..........15

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........19

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........20

## ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja, ta’ Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta’ Madagascar u tal-Protokoll ta’ Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027) (09525/2023 – C9-0223/2023 – 2023/0117(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (09525/2023),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta’ Madagascar (09007/2023),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v)), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0223/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0299/2023),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika ta’ Madagascar.

## NOTA SPJEGATTIVA

L-ewwel ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar imur lura għad-19 ta' Diċembru 2007. L-aktar protokoll ta' implimentazzjoni reċenti għal dan il-ftehim ta' sħubija kien japplika mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2018, meta skada.

Mill-31 ta' Diċembru 2018, il-ftehim ta' sħubija beda jopera fil-qafas ta' "ftehimiet inattivi" li japplikaw għal pajjiżi bi ftehim attiv ta' kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd iżda mingħajr protokoll attiv ta' implimentazzjoni. Għalhekk, is-sajd bil-bastimenti tal-UE ġie pprojbit fl-ilmijiet Madagascarjani.

Fit-28 ta' Ottubru 2022, l-UE u Madagascar laħqu ftehim, li l-għan tiegħu huwa li tiġi restawrata u mtejba s-sħubija bejn l-UE u Madagascar, u li tiżdied il-governanza tajba tas-sajd. L-objettiv huwa li l-bastimenti tal-UE jingħataw aċċess għaż-żona tas-sajd ta' Madagascar biex hemmhekk jistadu għat-tonn u għal speċijiet assoċjati, fl-ambitu tal-mandat ta' ġestjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC). Il-Ftehim u l-Protokoll se jipprovdu wkoll appoġġ settorjali għall-monitoraġġ u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, għas-settur tas-sajd fuq skala żgħira, għall-kooperazzjoni xjentifika u teknika biex jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, għat-taħriġ xieraq tal-baħħara, għall-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u għall-kooperazzjoni xjentifika. L-appoġġ settorjali mhuwiex maħsub biex jippromwovi l-flotta tas-sajd Madagascarjana.

Barra minn hekk, il-Ftehim u l-Protokoll se jikkontribwixxu għall-ekonomija tas-sajd ta' Madagascar billi jrawmu t-tkabbir u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fl-attivitajiet ekonomiċi relatati mas-sajd.

Dan il-ftehim il-ġdid għandu japplika għal perjodu ta' erba' snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, sakemm ma jintemmx skont l-Artikolu 21.

Il-ftehim huwa r-riżultat ta' negozjati intensi mal-gvern ta' Madagascar, li talab tnaqqis fl-għadd ta' bastimenti tal-UE u, fl-istess ħin, għamel talbiet finanzjarja konsiderevoli. L-eżitu tan-negozjati jipprevedi tunnellaġġ ta' referenza aktar baxx, minn 15 750 tunnellata fis-sena għal 14 000 tunnellata. L-għadd ta' bastimenti awtorizzati naqas ukoll minn 94 għal 65 unità meta mqabbel mal-ftehim preċedenti. Il-bastimenti tal-UE, prinċipalment minn Spanja, mill-Portugall, mill-Italja u minn Franza, tradizzjonalment ibbenefikaw mid-drittijiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' Madagascar.

Il-kwantità ta' klieb il-baħar awtorizzati għall-qbid flimkien mat-tonn u speċijiet simili għat-tonn se tkun limitata għal 220 tunnellata fis-sena, jiġifieri inqas minn 250 tunnellata.

Il-ftehim ikopri wkoll il-Kanal tal-Mozambique, li huwa ta' importanza strateġiku għall-flotta tal-UE. Il-bastimenti tal-UE ma jistgħux jidħlu f'żona ta' protezzjoni ta' 3 mili nawtiċi madwar l-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut (FADs) użat mis-sajjieda Madagascarjani.

Is-sidien tal-bastimenti huma soġġetti għal rati bbażati fuq it-tunnellaġġ tal-qbid. It-tariffa għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun żdiedet minn EUR 70 għal kull tunnellata għal

EUR 85 għal kull tunnellata. Barra minn hekk, il-bastimenti jridu jħallsu avvanzi b'rata fissa fl-ammonti li ġejjin:

- EUR 16 150 fis-sena għal kull bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun għal tunnellaġġ ta' qbid ta' 190 t
- EUR 4 930 fis-sena għal kull bastiment li jistad bil-konz tal-wiċċ > 100 Gt għal tunnellaġġ ta' qbid ta' 58 t
- EUR 3 145 fis-sena għal kull bastiment li jistad bil-konz tal-wiċċ ≤ 100 Gt għal tunnellaġġ ta' qbid ta' 37 t
- EUR 5 000 fis-sena għal kull bastiment ta' appoġġ

L-ispiża totali stmata tal-protokoll il-ġdid matul il-ħajja tiegħu ta' erba' snin mistennija tkun EUR 12 880 000, jiġifieri EUR 3 220 000 fis-sena. Dik is-somma ġenerali għandha tinqasam kif ġej: EUR 7 200 000 għandhom jirrappreżentaw l-impenn finanzjarju tal-UE u EUR 5 680 000 għandhom jirrappreżentaw il-valur stmat tal-kontribuzzjonijiet tas-sidien tal-bastimenti. Għaldaqstant, l-UE se tikkontribwixxi 56 % tat-total u s-sidien tal-bastimenti 44 %. Barra minn hekk, ġew inklużi dispożizzjonijiet biex tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn l-UE u Madagascar fil-qafas tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC).

Il-ftehim jintroduċi wkoll kontribuzzjoni ġdida għall-protezzjoni tal-ekosistemi, li għandha titħallas mis-sidien tal-bastimenti tas-sajd tal-UE, li kull sena se jħallsu kontribuzzjoni speċifika abbażi tat-tunnellaġġ gross li tammonta għal EUR 2,50 għal kull Gt. L-ammont totali stmat għandu jkun madwar EUR 200 000 u għandu jitħallas lill-aġenzija Madagascarjana responsabbli għas-sajd u l-akkwakultura.

**Pożizzjoni tar-Rapporteur**

Ir-Repubblika ta' Madagascar hija r-raba' l-akbar gżira fid-dinja, l-akbar waħda mill-gżejjer Afrikani, imdawra kompletament mill-Oċean Indjan u meqjusa bħala wieħed mill-pajjiżi bl-aħjar konservazzjoni tan-natura. Din il-gżira hija mogħnija b'ħafna speċijiet endemiċi. L-agrikoltura, is-sajd u l-forestrija huma s-sinsla tal-ekonomija Madagascarjana, u huma responsabbli għal 34 % tal-PDG.

Minkejja l-ġid naturali kollu tagħha, Madagascar hija wieħed mill-pajjiżi meqjusa bħala l-inqas żviluppati min-Nazzjonijiet Uniti. Fl-2017, il-faqar affettwa lil 92 % tal-popolazzjoni. Il-pajjiż jikklassifika r-raba' fid-dinja f'termini ta' malnutrizzjoni kronika. Barra minn hekk, ir-Repubblika ta' Madagascar hija wieħed minn ħames pajjiżi fejn l-aċċess għall-ilma huwa diffiċli ħafna għall-popolazzjoni. Skont l-NGO WaterAid, 12-il miljun persuna ma għandhom l-ebda aċċess għal ilma tax-xorb sikur[1].

Is-settur tas-sajd huwa stmat li jimpjega aktar minn 1,5 miljun persuna f'Madagascar u l-qabdiet jinkludu varjetà ta' speċijiet: speċijiet migratorji ħafna, krustaċji, ċefalopodi eċċ.. Il-flotot Asjatiċi (Ċiniżi, Koreani, Ġappuniżi, Tajwaniżi) u stati tal-bandiera oħra fl-Afrika tal-Punent u fl-Amerka Ċentrali għandhom aċċess għall-ilmijiet Madagascarjani. Ir-Repubblika ta' Madagascar qed taħdem mal-UE biex jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat f'konformità mar-Regolament IUU tal-UE.

[1] https://www.accioncontraelhambre.org/es/africa/madagascar

Skont l-informazzjoni pprovduta mis-settur tas-sajd ta' Madagascar, is-sajd fuq skala żgħira huwa riżorsa alimentari importanti ħafna għall-popolazzjoni tal-pajjiż, iżda sfortunatament ma għandux il-mezzi suffiċjenti biex iżomm provvista adegwata għall-popolazzjoni lokali. Il-livelli ta' konsum ta' ħut huma baxxi ħafna, u dan minkejja l-fatt li l-pajjiż ibati minn karestiji, peress li l-ħut, li prinċipalment jinqabad mill-flotot ta' pajjiżi terzi, jiġi esportat. Dan il-ftehim jista' jkun l-opportunità perfetta biex tinbidel din is-sitwazzjoni u biex ikun jista' jsir titjib fl-aċċess għall-ikel tal-poplu Madagascarjan.

Ir-Rapporteur tilqa' l-ħidma u tifraħ lill-Kummissjoni għall-konklużjoni tan-negozjati kumplessi tagħha ma' Madagascar. Dan il-ftehim huwa importanti ħafna għall-flotta Ewropea u, fl-istess ħin, huwa opportunità eċċellenti għall-avvanz tal-iżvilupp tant meħtieġ tas-settur tas-sajd Madagascarjan.

Huwa importanti li jiġi nnutat li l-evalwazzjoni *ex post* u *ex ante* tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-UE u Madagascar[2] tindika li, b'mod ġenerali, il-Ftehim huwa ta' benefiċċju għal kulħadd, peress li jissodisfa l-ħtiġijiet identifikati tal-partijiet ikkonċernati. Kumplessivament, il-kriterji ta' evalwazzjoni tradizzjonali (l-effettività, l-effiċjenza, l-ekonomija, ir-rilevanza, il-koerenza) huma ssodisfati. Abbażi tal-kummenti tal-partijiet ikkonċernati li ġew ikkonsultati matul l-evalwazzjoni, huwa possibbli wkoll li jiġi stabbilit li l-protokoll attwali huwa fil-biċċa l-kbira aċċettabbli u li t-tiġdid tiegħu huwa xi ħaġa pożittiva ħafna, speċjalment fid-dawl tal-benefiċċji tiegħu għall-Partijiet kollha.

Ir-Rapporteur tqis li l-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli b'mod ġenerali għandhom effetti pożittivi ħafna kemm għall-popolazzjoni lokali kif ukoll għall-flotta Ewropea, u jipprovdu lill-konsumaturi tal-UE aċċess aħjar għal ħut maqbud b'mod sostenibbli. L-evalwazzjoni ppubblikata dan l-aħħar tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli[3] kkonfermat li dawk il-ftehimiet jipprovdu qafas xieraq biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet u l-objettivi tal-politika komuni tas-sajd (PKS), sabiex l-aċċess għar-riżorsi tal-flotta tal-UE f'ilmijiet esterni jsegwi prinċipji u regoli ta' aċċess li jiżguraw li l-prattiki tas-sajd ikunu sostenibbiltà u konformi mar-regoli tal-PKS. Barra minn hekk, il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-pajjiż terz sieħeb, inkluż billi jiġġeneraw benefiċċji ekonomiċi bis-saħħa tar-riżorsi żejda tal-pajjiż, b'riżultat tal-pożizzjoni ġeografika tiegħu fir-rotot ta' speċijiet migratorji ħafna, u bl-istabbiliment ta' pakkett baġitarju biex il-pajjiż ikun jista' jsaħħaħ il-qafas ta' governanza tas-sajd tiegħu u jiżviluppa s-settur tas-sajd tiegħu b'mod sostenibbli. Barra minn hekk, il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jintegraw il-ħtieġa tal-flotta tal-UE ta' distanzi twal u ta' ċerti segmenti tal-flotta tas-sajd fuq skala żgħira tagħha li jaċċessaw żoni tas-sajd produttivi
f'ilmijiet barra mill-UE, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti bejn l-operaturi fl-UE u dawk ta' pajjiżi barranin oħra.

F'dan ir-rigward, ir-Rapporteur tħeġġeġ lill-Kummissjoni tanalizza fid-dettall l-oqsma identifikati minn din l-evalwazzjoni bħala li x'aktarx itejbu l-prestazzjoni tagħhom, bħal pereżempju t-titjib tal-monitoraġġ mill-kumitati konġunti tal-implimentazzjoni min-naħa ta' pajjiżi terzi sħab tal-klawżola tan-nondiskriminazzjoni u t-titjib tat-trasparenza

[2] https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/a48fa492-387b-11e8-b5fe-01aa75ed71a1

[3] https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/21927e4c-2f4d-11ee-9e98-01aa75ed71a1

pubblika u l-komunikazzjoni tal-eżitu u tal-impatt tal-implimentazzjoni tal-komponenti ta' aċċess u ta' appoġġ settorjali tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli.

Ir-Rapporteur tħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni tkompli bit-trasparenza li wriet matul in-negozjati tal-ftehim u tappella għall-involviment tas-soċjetà ċivili u tal-NGOs ewlenin li joperaw fil-pajjiż fil-laqgħat kollha mal-awtoritajiet Madagascarjani. L-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni xieraq huwa essenzjali sabiex il-fondi għall-appoġġ settorjali jkunu jistgħu jiġu ddedikati għall-prijoritajiet miftiehma mal-popolazzjoni Madagascarjana, bl-għan li jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd tal-pajjiż.

Ir-Rapporteur tistieden lill-awtoritajiet ta' Madagascar jeżiġu li l-flotot l-oħra jkollhom aċċess għall-ilmijiet tagħhom bl-istess kriterju ta' trasparenza u jimponu bħala prekundizzjoni d-dikjarazzjoni tal-qabdiet kollha u l-aċċess għad-data sabiex il-pariri xjentifiċi mill-istokkijiet ikunu jistgħu jiġu vvalutati fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli.

Ir-Rapporteur tiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-ħtieġa ta' monitoraġġ kostanti tal-Ftehim sabiex l-oġġezzjoni għar-Riżoluzzjoni 23/02 tal-IOTC ma toħloq l-ebda problema għall-flotta Ewropea li topera fl-ilmijiet Madagascarjani. Il-fatt li Madagascar mhuwiex fost il-pajjiżi li oġġezzjonaw għal riżoluzzjoni ta' dak it-tip ma għandux jikkawża kunflitt jew jaffettwa l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim.

Fir-rigward tat-tariffa l-ġdida għall-protezzjoni tal-oċeani, ir-Rapporteur tirringrazzja lill-Kummissjoni għall-inizjattiva, li se tiddedika fondi biex tikkontribwixxi għall-irkupru tal-oċeani, li hija waħda mill-prijoritajiet tal-UE. Madankollu, ir-Rapporteur tħeġġeġ lill-Kummissjoni tiddefinixxi regoli aktar preċiżi għall-applikazzjoni ta' dik it-tariffa u tinkludiha fost il-punti li għandhom jiġu analizzati fil-qafas tal-evalwazzjonijiet tal-Ftehim.

20.9.2023

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja, ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027)
(09525/2023 – C9-0223/2023 – 2023/0117(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Caroline Roose

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kummissjoni Ewropea daħlet f'negozjati mal-awtoritajiet ta' Madagascar dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) ġdid, inkluż Protokoll ta' Implimentazzjoni ġdid, li ġie ffirmat fit-28 ta' Ottubru 2022. Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli l-ġdid iħassar u jissostitwixxi l-Ftehim tal-2007 u jkopri perjodu ta' erba' snin mid-data tal-applikazzjoni proviżorja.

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli l-ġdid u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu jistabbilixxu qafas aġġornat li jippermetti l-aċċess ta' 65 bastiment tal-Unjoni għall-ilmijiet ta' Madagascar u s-sajd għat-tonn u għall-ispeċijiet assoċjati.

Bħala skambju għad-drittijiet tas-sajd, l-UE tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lil Madagascar li tirrappreżenta EUR 1 800 000 fis-sena, maqsuma f'ammont annwali ta' EUR 700 000 għall-aċċess għaż-żona tas-sajd ta' Madagascar u ammont ta' EUR 1 100 000 għall-appoġġ settorjali bl-għan li tiġi appoġġata l-politika tas-sajd ta' Madagascar. L-UE u Madagascar qablu wkoll dwar sett ta' regoli biex jippromwovu s-sajd sostenibbli, inkluż billi jtejbu l-kontroll tas-sajd, il-kooperazzjoni xjentifika jew il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU). Il-Protokoll huwa innovattiv peress li jintroduċi kontribuzzjoni speċifika għall-ġestjoni ambjentali u għall-protezzjoni tal-ekosistema li għandha titħallas mis-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni.

L-ilmijiet ta' Madagascar huma rikki fir-rigward tal-ispeċijiet tal-ħut, iżda minkejja dan huma jisfaw vittmi ta' prattiki tas-sajd ta' intensità qawwija u ta' sfruttament eċċessiv minn bastimenti industrijali barranin, b'mod partikolari bastimenti tat-tkarkir ta' sidien barranin li jistadu għall-gambli. It-tibdil fil-klima u s-sajd eċċessiv jiddegradaw l-ekosistemi tal-baħar, u b'hekk inaqqsu b'mod drammatiku l-konsum lokali minħabba ż-żieda immedjata fil-prezzijiet. Minħabba dawn il-fatturi l-ħut isir ekonomikament inaċċessibbli għall-komunitajiet kostali u n-nies ikollhom jitbiegħdu lil hinn mill-kosta biex jistadu, u konsegwentement dan jaffettwa l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel tagħhom. Meta pparagunat ma' ekonomiji Afrikani

oħra tal-ħut, il-konsum tal-ħut f'Madagascar huwa baxx (mill-2019, 4,26 kg fis-sena għal kull persuna meta mqabbel ma' 16 kg fis-Seychelles u 20 kg f'Mauritius). Sadanittant, 33 % tal-popolazzjoni ma tikolx biżżejjed u xi reġjuni qed jiffaċċjaw il-ġuħ.

Xi speċijiet tat-tonn tropikali huma soġġetti għal sajd eċċessiv fl-Oċean Indjan, b'mod partikolari t-tonn isfar. Fl-2022, il-Kumitat Xjentifiku tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC) irrakkomanda tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fil-qabdiet biex il-popolazzjonijiet tat-tonn isfar ikunu jistgħu jirkupraw. Din is-sitwazzjoni hija dovuta għall-kapaċità żejda fis-sajd industrijali tat-tonn fir-reġjun, il-kwoti stabbiliti f'livelli mhux sostenibbli iżda wkoll għall-użu ta' għadd kbir ta' Rkapti biex Jinġema' l-Ħut (FADs), li huma ta' detriment għall-ekosistemi. Fl-2023, l-IOTC adottat diversi miżuri biex tnaqqas l-użu tal-FADs iżda l-UE u xi partijiet kontraenti oħra oġġezzjonaw, u b'hekk għamluhom ineffettivi.

Fl-2018, is-sajd f'Madagascar kien jammonta għal kważi 7 % tal-prodott domestiku gross nazzjonali. Fl-2022, huwa stmat li l-ħajja ta' kważi 2,5 miljun ruħ kienet tiddependi mis-sajd. Il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet tas-sajd jitwettqu minn sajd fuq skala żgħira fiż-żoni kostali. In-nisa għandhom rwol ewlieni, speċjalment fis-sajd ta' sussistenza u tul il-katina tal-valur. Madankollu, huma ma jirċivux l-istess paga u jġarrbu l-piż tas-sajd eċċessiv.

L-appoġġ settorjali għandu l-għan li jgħin lil Madagascar jiżviluppa l-istrateġija nazzjonali tas-sajd tiegħu, b'mod partikolari billi jiffinanzja l-monitoraġġ tal-kontroll u tas-sorveljanza, filwaqt li jappoġġa lis-sajjieda fuq skala żgħira u t-taħriġ. Ma hemm l-ebda objettiv speċifiku rigward is-sigurtà tal-ikel.

Ir-rapporteur hija tal-fehma li l-Protokoll għandu l-potenzjal li jtejjeb is-sitwazzjoni f'Madagascar f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni tas-sajd, it-trasparenza u s-sajd IUU.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja żdiedet meta mqabbla mal-ftehim preċedenti, b'segwitu għat-talbiet ta' Madagascar. Madankollu, tista' tkun ogħla u aktar ġusta, speċjalment fir-rigward tat-tariffi mħallsa mill-operaturi tal-UE, meta jitqies il-valur tas-suq tal-ispeċijiet tat-tonn. Il-Protokoll fih ukoll rekwiżiti għall-impjieg ta' baħħara li jkunu ċittadini ta' Madagascar u klawżola soċjali msaħħa. Hemm xi interazzjonijiet ekonomiċi bejn il-flotot tal-UE u s-settur tal-ipproċessar lokali, b'mod partikolari għall-provvista tal-fabbrika tal-ippakkjar fil-laned, f'Antsiranana.

Il-fatt li xi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tħallew jattendu n-negozjati tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli huwa titjib importanti. Tali prattiki tajba għandhom jitkomplew, meta jiġi implimentat il-ftehim (eż. billi jiġu kkonsultati l-komunitajiet kostali u jiġu ppubblikati listi komprensivi ta' proġetti ffinanzjati bl-appoġġ settorjali).

Huwa meħtieġ ukoll li l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jkun ta' benefiċċju dirett għas-settur tas-sajd fuq skala żgħira ta' Madagascar. Ma hemm l-ebda kompetizzjoni diretta bejn is-sajjieda fuq skala żgħira u l-bastimenti tat-tonn tal-UE peress li ma joperawx fl-istess żona u dawn tal-aħħar ma għandhomx permess jistadu fiż-żoni kostali. Madankollu, l-isfruttament żejjed tal-ispeċijiet tat-tonn għandu impatti serji fuq l-ekosistemi u l-komunitajiet tal-baħar li jiddependu minnhom. Dan irid jiġi indirizzat miż-żewġ Partijiet.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur tisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar sinerġiji bejn l-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE u l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli, sabiex tiġi indirizzata l-insigurtà tal-ikel.

******

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027).

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027) |
| **Referenzi** | 09525/2023 – C9-0223/2023 – 2023/0117(NLE) |
| **Kumitat responsabbli** | PECH |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>10.7.2023 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Caroline Roose<br>30.8.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 20.9.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 17<br>–: 0<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Hildegard Bentele, Stéphane Bijoux, Dominique Bilde, Christophe Clergeau, Ryszard Czarnecki, Mónica Silvana González, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Karsten Lucke, Erik Marquardt, Janina Ochojska, Michèle Rivasi, Miguel Urbán Crespo, Bernhard Zimniok |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Frances Fitzgerald, Marlene Mortler, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Róża Thun und Hohenstein |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 17 | + |
|---|---|
| ECR | Ryszard Czarnecki |
| ID | Bernhard Zimniok |
| PPE | Hildegard Bentele, Frances Fitzgerald, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Marlene Mortler, Janina Ochojska |
| Renew | Stéphane Bijoux, Róża Thun und Hohenstein |
| S&D | Christophe Clergeau, Mónica Silvana González, Karsten Lucke, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho |
| Verts/ALE | Erik Marquardt, Michèle Rivasi |

| 0 | - |
|---|---|

| 2 | 0 |
|---|---|
| ID | Dominique Bilde |
| The Left | Miguel Urbán Crespo |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

10.10.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta’ Madagascar u tal-protokoll ta’ implimentazzjoni tiegħu (2023-2027)
(09525/2023 – C9-0223/2023 – 2023/0117(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Dimitrios Papadimoulis

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fid-19 ta’ Diċembru 2007 ġie ffirmat Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta’ Madagascar u ġie applikat b’mod proviżorju mill-1 ta’ Jannar 2007. Jiġġedded b’mod taċitu għal perjodi ta’ 6 snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

L-aħħar Protokoll ta’ Implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim ta’ Sħubija ġie ffirmat fit-23 ta’ Diċembru 2014 u ġie applikat mill-1 ta’ Jannar 2015 sal-31 ta’ Diċembru 2018, meta skada. Abbażi tad-direttivi ta’ negozjati rilevanti[1], il-Kummissjoni wettqet negozjati ma’ Madagascar dwar il-konklużjoni ta’ Ftehim ta’ Sħubija ġdid dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) bejn l-Unjoni Ewropea u Madagascar, inkluż Protokoll ta’ Implimentazzjoni ġdid għal dak il-Ftehim. L-objettiv huwa li l-bastimenti tal-Unjoni jingħataw aċċess għaż-żona tas-sajd ta’ Madagascar u li jistadu għat-tonn u għall-ispeċijiet assoċjati hemmhekk, skont mandat ta’ ġestjoni mogħti mill-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC). B’riżultat ta’ dawn in-negozjati, test ġdid tal-Ftehim u test ġdid tal-Protokoll ta’ Implimentazzjoni ġew miftiehma fit-28 ta’ Ottubru 2022 u ġew iffirmati fit-30 ta’ Ġunju 2023.

Il-Ftehim il-ġdid iħassar u jissostitwixxi l-Ftehim eżistenti. Ikopri perjodu ta’ 4 snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja stabbilita fl-Artikolu 19 tiegħu, jiġifieri l-1 ta’ Lulju 2023, sat-30 ta’ Ġunju 2027.

Il-Protokoll il-ġdid għandu l-istess tul ta’ żmien u jipprevedi opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni (minn Spanja, il-Portugall, l-Italja u Franza) fl-ilmijiet ta’ Madagascar, fejn applikabbli fil-limiti tal-ammonti żejda disponibbli. Huwa bbażat fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-IOTC, li hija l-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd responsabbli għall-ġestjoni ta’ stokkijiet ta’ ħut li jpassi ħafna, li d-deċiżjonijiet tagħha huma applikabbli bis-sħiħ, kif imsemmi fil-Ftehim (l-Artikolu 4(3)).

---

[1] It-3622 laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) tal-4 ta’ Ġunju 2018. https://www.consilium.europa.eu/media/36284/st09680-en18.pdf.

Il-Protokoll jipprevedi l-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin għal ħut li jpassi ħafna:

– 32 bastiment tas-sajd bit-tartarun għat-tonn (16 minn Spanja, 15 minn Franza u 1 mill-Italja),

– 13-il bastiment tas-sajd bil-konz tal-wiċċ b'tunnellaġġ akbar minn 100 GT (7 minn Spanja, 4 minn Franza u 2 mill-Portugall),

– 20 bastiment tas-sajd bil-konz tal-wiċċ b'tunnellaġġ ta' 100 GT jew inqas (kollha minn Franza),

– kif ukoll bastimenti ta' appoġġ skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-IOTC.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tammonta għal EUR 1 800 000, abbażi ta':

(a) tunnellaġġ ta' referenza ta' 14 000 tunnellata fis-sena, li għalih ġie stabbilit ammont annwali ta' EUR 700 000 marbut mal-aċċess;

(b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd ta' Madagascar sabiex jgħin fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd tiegħu u tal-ekonomija blu tiegħu, li jammonta għal EUR 1 100 000 fis-sena.

Dan l-appoġġ jilħaq l-objettivi tal-kooperazzjoni fl-oqsma tal-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, l-akkwakultura, l-iżvilupp sostenibbli tal-oċeani, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u l-ekonomija blu.

L-ammont annwali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiġi stabbilit matul il-proċedura baġitarja annwali, inkluż għal-linja ta' riżerva għall-protokolli li jkunu għadhom ma daħlux fis-seħħ fil-bidu tas-sena[2].

******

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar u tal-protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu (2023-2027).

[2] F'konformità mal-punt 20 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni f'materji baġitarji (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28).

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta’ Madagascar u tal-Protokoll ta’ Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027) |
| **Referenzi** | 09525/2023 – C9-0223/2023 – 2023/0117(NLE) |
| **Kumitat responsabbli** | PECH |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>10.7.2023 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Dimitrios Papadimoulis<br>17.7.2023 |
| **Eżami fil-kumitat** | 30.8.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 9.10.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 20<br>–: 1<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Rasmus Andresen, David Cormand, Andor Deli, Pascal Durand, Alexandra Geese, Vlad Gheorghe, Niclas Herbst, Hervé Juvin, Joachim Kuhs, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Bogdan Rzońca, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Angelika Winzig |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Attila Ara-Kovács, Sunčana Glavak, Hannes Heide, Jarosław Kalinowski, Anne Sander, Sabine Verheyen |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| 20 | + |
|---|---|
| ECR | Bogdan Rzońca |
| NI | Andor Deli, Hervé Juvin |
| PPE | Sunčana Glavak, Niclas Herbst, Jarosław Kalinowski, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Anne Sander, Sabine Verheyen, Angelika Winzig |
| Renew | Vlad Gheorghe, Nils Torvalds |
| S&D | Attila Ara-Kovács, Pascal Durand, Hannes Heide, Nils Ušakovs |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, David Cormand, Alexandra Geese |

| 1 | - |
|---|---|
| NI | Lefteris Nikolaou-Alavanos |

| 1 | 0 |
|---|---|
| ID | Joachim Kuhs |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027) |
| **Referenzi** | 09525/2023 – C9-0223/2023 – 2023/0117(NLE) |
| **Data tal-konsultazzjoni jew tat-talba għal approvazzjoni** | 30.6.2023 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | PECH<br>10.7.2023 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE 10.7.2023<br>BUDG 10.7.2023 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Clara Aguilera<br>6.6.2023 |
| **Eżami fil-kumitat** | 27.6.2023 21.9.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 24.10.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 19<br>–: 1<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Clara Aguilera, François-Xavier Bellamy, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Maria da Graça Carvalho, Rosanna Conte, Francisco Guerreiro, Anja Haga, Ladislav Ilčić, France Jamet, Pierre Karleskind, Predrag Fred Matić, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Marc Tarabella |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Martin Hlaváček, Ska Keller, Colm Markey, Gabriel Mato |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Camilla Laureti, Erik Poulsen |
| **Data tat-tressiq** | 25.10.2023 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 19 | + |
|---|---|
| ECR | Ladislav Ilčić, Bert-Jan Ruissen |
| NI | Marc Tarabella |
| PPE | François-Xavier Bellamy, Maria da Graça Carvalho, Anja Haga, Colm Markey, Gabriel Mato |
| Renew | Izaskun Bilbao Barandica, Martin Hlaváček, Pierre Karleskind, Erik Poulsen |
| S&D | Clara Aguilera, Isabel Carvalhais, Camilla Laureti, Predrag Fred Matić |
| Verts/ALE | Francisco Guerreiro, Ska Keller, Caroline Roose |

| 1 | - |
|---|---|
| ID | France Jamet |

| 1 | 0 |
|---|---|
| ID | Rosanna Conte |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni